**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

## GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

**SEDUTA TA' NHAR IL-HAMIS 11 TA' APRIL, 2002**

**Numru: 19**

**Avviz Nru: 1542/01AE**

**MD Trucking Ltd**

**Vs**

**R.A.B. Ltd**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta attrici qeghda titlob il-hlas tas-somma ta' elf mija u tlieta u sebghin lira Maltija u sitta u ghoxrin lira Maltija (Lm1,173.26), hlas dovut ghal servizz rezi mis-socjeta attrici.

Ra l-verbal tal-11 ta' Jannar 2002 li permezz tieghu l-konvenut:

(1) Ammetta t-talba in kwantu din tirreferi ghall-hlas tas-somma ta’ sitt mija u sebgha u sittin lira Maltija (Lm667);

(2) Ikkontesta l-kawza ghall-hlas tal-bilanc:

(a) Fir-rigward tas-somma ta’ wiehed u hamsin lira Maltija u tlettax-il centezmu (Lm51.13) qatt ma nghata s-servizz;

(b) Il-bilanc jirreferi ghall-spejjez ta’ garr ta’ merkanzija li meta giet ikkonsenjata rrizulta li kienet difettuza.

Semgha x-xhieda li tressqu mill-partijiet.

Semgha t-trattazzjoni ta’ l-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:

1. Is-socjeta attrici qeghda titlob hlas ghall-garr ta’ merkanzija.

2. Huwa maghruf li min jallega jrid jipprova (*iuxta allegata et probata*).

3. Mix-xhieda li ta Anthony Briffa, rapprezentant tas-socjeta konvenuta, fis-seduta tal-5 ta’ April 2002 jirrizulta li mill-ammont pretiz qieghed jigi kkontestat biss il-hlas tas-somma ta’:

(a) Wiehed u hamsin lira Maltija u tletaxx-il centezmu (Lm51.13), hija ndikata fid-dokument li jinsab a fol. 14 tal-process. Pero' s-socjeta attrici ma ressqet l-ebda prova ghal xiex dan il-hlas qieghed jintalab.

(b) Mija u sittin lira Maltija (Lm160), hlas li qieghed jintalab bhala *freight* ghal xoghol li wara rrizulta li kien kollu mmuffat. Ir-rapprezentant tas-socjeta attrici xehed li kien hemm nuqqasijiet min-naha tas-socjeta attrici fil-mod kif giet trasportata din il-merkanzija. Responsabbilta li jidher li kienet giet accettata mis-socjeta attrici li sahansitra kienet harget *credit note* favur is-socjeta konvenuta fl-ammont ta' sebgha mija u sebgha liri Maltin u tmienja u sebghin centezmu (Lm707.87). L-avukat difensur tas-socjeta attrici argumenta li ghal dan il-kaz kienu japplikaw ic-CMR Rules. Prova ta' dan ma tressqitx. F'kull kaz it-Tribunal ma jifhimx kif jista' jintalab il-hlas ghall-*freight*, meta mill-provi (li wara kollox ma gewx kontradetti) rrizulta li d-difett fil-merkanzija kien imputabbli ghan-nuqqasijiet tas-socjeta attrici fl-adempiment ta' l-obbligazzjoni taghha fil-garr tal-merkanzija.

Fir-rigward tal-bilanc, ir-rapprezentant tas-socjeta konvenuta xehed li dan huwa dovut izda ma kienx hallas minhabba ragunijiet ta' likwidita peress li wiehed mid-debituri tieghu (li kellu jhallas eluf kbar ta' liri) ma kienx hallsu.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddecidi l-kawza billi jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' disgha mija u tnejn u sittin lira Maltija u tlettax-il centezmu (Lm962.13), bl-imghax skond il-ligi.
L-ispejjez kollha (inkluzi d-drittijiet legali) huma ghak-karigu tas-socjeta konvenuta.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**